**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 104/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Dylan Mc Kay**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Dylan Mc Kay**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0152494(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-2 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu (3.30am) u l-ħinijiet ta' qabel, ġewwa l-istabbiliment Havana fi Triq San Ġorġ, San Ġiljan:

1. mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Warren Farrugia, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru

0502291(M), f'periklu ċar, ikkaġunalu ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tiegħu, liema ġrieħi huma ta' natura gravi.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Warren Farrugia, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta vjolenza u dan *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-22 ta' Frar 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sospiż għal perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza. A tenur ta' Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. A tenur ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ħarġet fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurta' ta' Warren Farrugia. Dan l-Ordni ta' Trażżin inħareġ għall-perijodu ta' sentejn (2) li kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u taħt it-termini u l-kondizzjonijiet indikati f'digriet mogħti dakinhar tas-sentenza, liema digriet ġie anness magħha u jifforma parti integrali minnha. Fil-fehma tal-Qorti ma kienx hemmx il-ħtieġa ta' l-applikazzjoni tal-provvedimenti ta' Artikoli 383, 384, 385, 386 u 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin *ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat

għas-salvagwardja ta' Warren Farrugia. Fil-fehma tal-Qorti, peress illi mill-provi prodotti u mill-atti proċesswali ma rriżultatx il-ħtieġa li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament, lanqas ma kien hemm lok għall-applikazzjoni ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li qieset li fil-każ in kwistjoni ma kienux ġew ikkwantifikati l-ebda danni li Warren Farrugia seta' sofra minħabba l-aġir ta' l-imputat fil-konfront tiegħu u l-konsegwenti sfreġju f'moħħu, il-Qorti ddikjarat li ma setgħetx tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *Ai termini* ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin Euro u ħamsin ċenteżmu (€262.50) rappreżentanti l-ispejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Mediku t-Tabib Dr. Mario Scerri. *Ai termini* ta' Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti ta' dawn il-proċeduri flimkien ma' kopja tas-sentenza tagħha jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok tillibera lill-esponenti mill-imputazzjoni u minn kull ħtija skont il-liġi, u rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skont il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-22 ta' Frar 2022.

Illi l-fatti tal-każ huma relattivament sempliċi b'dana illi għal ħabta tat-3.30am tat-2 ta' Novembru 2019 kemm il-*parte civile* Warren Farrugia kif ukoll l-appellant kienu jinsabu ġo stabbiliment ta' divertiment ġewwa Paceville. Il-*parte civile* kellu bżonn imur jaqdi l-bżonnijiet tiegħu x'ħin ra lill-appellant. Minħabba li kien hemm kwistjonijiet bejn il-*parte civile* u l-appellant, il-*parte civile* għażel li jgħaddi minn wara kolonna sabiex jevita li jiġi wiċċ imbwiċċ mal-appellant. X'ħin ħareġ minn wara l-kolonna xi ħadd garalu xi ħaġa tal-ħġieġ u laqtu f'rasu. Il-persuna li kienet mal-*parte civile* malajr indirizzat lill-*parte civile* lejn il-bieb ta' barra u marru għand il-Pulizija fejn irrappurtaw lill-appellant. Il-*parte civile* ttieħed l-isptar fejn sarulu xi punti. Huwa ġie invistat fit-23 ta' Diċembru 2019 minn Dr. Mario Scerri fuq ordni tal-Ewwel Qorti. Dr. Scerri nnota kif fuq in-naħa tal-lemin fuq wiċċ il-*parte civile* kien hemm ċikatriċi li kienet twila 3.5 ċentimentri u wiesgħa 0.3 ċentimetri (*a fol.* 81).

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tfakkar li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul

mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konkluzzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u jirreferi għal fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li temmen il-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* Farrugia hekk kif korroborata minn James Mallia. L-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti kellha l-ewwel tara jekk il-Prosekuzzjoni laħqitx il-livell ta' prova rikjest u kien biss wara li jsir dan li kellha tgħaddi sabiex tindirizza l-kunflitt bejn il-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet.

Illi l-appellant jispjega li minn qari akkurat tal-kontro-eżami tal-*parte civile* jirriżulta li dan qatt ma seta' jkun żgur li hu (l-appellant) kien l-aggressur minħabba li l-*parte civile* qatt ma rah igara t-tazza. F'dan ir-rigward jirreferi għad-diskrepanza li hemm bejn dak li jgħid il-*parte civile* waqt li kien qed jixhed u dak li jgħid in kontro-eżami. Jispjega li meta wieħed iqabbel il-verżjonijiet jirriżultalu li l-*parte civile* qatt ma rah (lill-appellant) igara t-tazza u li ħares madwaru wara li huwa laqqat id-daqqa. Jisħaq li fl-istabbiliment ma kienx hemm hu biss (l-appellant) iżda l-*parte civile* għoġbu jindika lilu. Jirreferi għal partijiet oħra tax-xiehda tal-*parte civile* li skont huwa juru li ma kienx ċert u li għalhekk ma ntlaħqitx il-livell ta' prova rikjesta fil-kamp kriminali. L-appellant jirreferi wkoll għal fatt li hemm kunflitt bejn il-verżjoni mogħtija

mill-*parte civile* Farrugia u James Mallia fejn dawn ma jaqblux fuq jekk dak li ntlaqat bih il-*parte civile* kinitx tazza jew flixkun tal-ħġieġ. Ikompli billi jirreferi għal fatt li James Mallia jsemmi tazza tal-ħġieġ u meta nġibditlu l-attenzjoni li l-ħanut iservi d-*drinks* f'tazzi tal-plastik, iċ-ċertezza tiegħu sparixxiet u jgħid li jista' jkun kien flixkun.

Illi dwar il-verżjoni mogħtija minn James Mallia, l-appellant jilmenta li dan filwaqt li ndika lilu bħala l-aggressur ma jagħti l-ebda indikazzjoni ulterjuri li tista' b'xi mod titqies bħala korroborazzjoni. Ikompli jilmenta li dan ix-xhud jindika darbtejn b'mod żbaljat in-naħa li fiha ntlaqat il-*parte civile*. Jispjega li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile,* fejn jikkonferma li la kienu kellmuh (lill-appellant) u lanqas ikkonfrontawh, twassal għal domanda dwar x'ġara verament. Ikompli jgħid li x'aktarx il-*parte civile* spiċċa milqut f'rasu mingħajr ma ra minn kien l-aggressur u meta rah (lill-appellant) ħdejh huwa għażel li jmur jirrapurtah minħabba li bejniethom kien hemm kwistjonijiet fil-passat. L-appellant isostni li dan il-każ ma kienx jittratta sitwazzjoni ta' sempliċi kunflitt ta' provi bejn il-provi tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża, iżda ta' sitwazzjoni fejn il-provi tal-Prosekuzzjoni ma laħqux il-livell tal-prova rikjesta mil-liġi u li b'hekk hu kellu jiġi liberat.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li kemm il-*parte civile* Farrugia kif ukoll sieħbu James Mallia kienu kategoriċi li kien l-appellant li waddab l-oġġett kontra l-istess *parte civile*. Din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mill-partijiet kollha u tinnota li mix-xiehda kif deskritta mill-*parte civile* jidher ċar li l-appellant iċċaqlaq minn postu meta fix-xiehda mogħtija minnu fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 isemmi hekk (*a fol.* 39 *et seq.*):

> Xhud: "Jien ċert li rajtu 100% kien fil-V.I.P.. Jien għaddejt minn wara l-kolonna biex ma ngħaddix eżatt minn quddiem il-V.I.P. ħalli ma jkunx hemm kuntatt bejnietna u ġara dak li ġara mbagħad. [...]"

Xhud: “Jiena rajtu nieżel imma qisek ma tkunx taf. X’ħin dort imbagħad nara lilu preżenti hemmhekk ħdejja.”

Illi minn din ix-xiehda wieħed jinnota li l-appellant kien iċċaqlaq minn fejn kien jiġifieri mis-sezzjoni tal-V.I.P. u spiċċa ħdejn il-*parte civile*.

Illi għad-domanda tal-Ewwel Qorti jekk dakinhar tal-akkadut waqt li kien fl-istabbiliment kienx induna li kien hemm xi kommissjoni ta’ xi ħaġa, l-appellant wieġeb hekk (*a fol.* 105):

> “Jiena ngħidlek il-verita’ kien hemm 2 tfajliet dak il-ħin u bdejt inkompli magħhom u ma bdejt nagħti każ xejn u ma ġara xejn. Kif qed ngħidlek, ġie s-*security* fuqi u staqsieni jekk jienx Dylan Mc Kay u jiena għidtlu *“iva”* u qalli biex ninżel miegħu u jiena għidtlu *“mela le*”. Kieku naħseb għamilt xi ħaġa jiena kieku kont nitlaq ‘l hemm jew ħa nara x’ħa nivvinta.”

Illi l-Qorti diffiċli temmen din it-tweġiba tal-appellant u dana minħabba li dak li ġara ġara f’post konfinat u b’mod speċjali meta dak li qal l-appellant u ċioè li huwa kien qed ikellem żewġ tfajliet imur kontra dak li qal il-*parte civile* li sab lill-appellant ħdejh. Din il-Qorti għalhekk tifhem li l-appellant għamel sforz sabiex ipoġġi ċerta distanza bejnu u bejn l-attivita’ li wasslet għall-akkadut. Frankament din il-Qorti issibha diffiċli temmen lill-appellant. Konsegwentement dan iwassal lil din il-Qorti temmen il-verżjoni tal-*parte civile*.

Illi dwar il-kwistjoni jekk id-daqqa kinitx daqqa ta’ tazza jew ta’ flixkun, din tieħu rwol sekondarju minħabba li ma hemmx dubju li l-*parte civile* ġie attakkat u sofra ferita f’wiċċu u aktar importanti minħabba li l-verżjoni tal-*parte civile* hija korroborata minn James Mallia. James Mallia jispjega li dak li ġie garat ġie garat mill-viċin u għalhekk tieħu aktar piż il-verżjoni li l-*parte civile* sab lill-appellant viċin tiegħu. Minn dan isegwi li l-verżjoni tal-appellant li huwa kien qed ikellem żewġ tfajliet titlef mis-saħħa tagħha

stante li allura huwa kien iċċaqlaq mis-sezzjoni tal-V.I.P. fejn jgħid li kien.

Illi minbarra dan mhux minnu dak li jgħid l-appellant waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu li fix-xiehda mogħtija minn Joseph Rivans fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2019 (*a fol.* 60*)* li huwa qal li t-tazzi tal-ħġieġ jintużaw f'każ remot. Jirriżulta li għad-domanda x'jiġi servut fit-tazzi tal-ħġieġ, huwa wieġeb hekk (*a fol.* 60):

> "Tal-ħġieġ normalment tazzi tax-Xampanja u xi *shooter glasses*."

Illi minn analiżi ta' dan il-kliem din il-Qorti tifhem li jista' jkun hemm każijiet oħra fejn jintużaw tazzi tal-ħġieġ iżda fin-normalita' jintużaw tazzi tal-ħġieġ fil-każ tax-xampanja u xi *shooters*. Apparti minn dan, il-fatt li tazzi tal-ħġieġ jiġu wżati fl-istabbiliment in kwistjoni toħroġ ukoll mix-xiehda tal-*parte civile* Warren Farrugia meta fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2019 huwa jikkonferma li kien qed jixrob minn tazza tal-ħġieġ (*a fol.* 38*)*.

Illi dwar il-punt imqajjem mill-appellant li minkejja l-allegata aggressjoni, il-*parte civile* u sieħbu la kellmuh u lanqas ikkonfrontawh (lill-appellant), din il-Qorti ma tara xejn ħażin fl-imġieba tal-*parte civile*. Ibda bil-fatt li James Mallia jikkonferma li huwa kien ippanikjat meta ra dak id-demm kollu ħiereġ, fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa kredibbli għalhekk huwa minn ewl id-dinja li Mallia pprova joħroġ lill-appellant mill-post li kienu fih. Huwa fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll li minħabba li persuna li tkun affaċċjata b'periklu tista' jew tikkonfronta tali periklu jew inkella taħrab minn tali aggressjoni u huwa normali li meta persuna tkun feruta tipprova l-ewwel taħrab mill-periklu. Ma jridx jintnesa wkoll id-diżorjentazzjoni u l-biża'/paniku li jqum wara li xi ħadd ikun qala' daqqa.

Illi lanqas huwa ta' fejda l-argument imressaq mill-appellant dwar il-fatt li James Mallia ndika l-parti ħażina tal-wiċċ tal-*parte civile* meta ndika fejn kienet iċ-ċikatriċi. Din il-Qorti tgħid dan

minħabba li l-pożizzjoni taċ-ċikatriċi tiddependi fuq kif tħares lejn il-wiċċ. Jekk inti tħares lejn wiċċ l-appellant minn quddiem din tkun fuq ix-xellug tiegħek. Kien ikun aħjar kieku l-Ewwel Qorti talbitu jispjega aktar iżda dan l-iżball li jista' jitqies bħala ġenwin ma jtappan xejn mill-fatt li fil-verita' il-*parte civile* sofra ġerħa fuq wiċċu.

Illi din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant meta jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata fl-analiżi li għamlet. Frankament jekk mill-provi mressqa l-Ewwel Qorti ddeċidiet li temmen lill-*parte civile* u mhux lill-appellant hija, sakemm ibbażat ir-raġunament tagħha fuq il-provi kollha li jirriżultaw fl-atti proċesswali u fuq kif rat il-komportament tax-xhieda jixhdu quddiemha, kienet ġustifikata tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. Jirriżulta li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti għarblet il-provi kollha li kellha quddiemha u sabet il-verżjoni tal-appellant bħala waħda inveritjiera, li din l-Qorti *del resto* taqbel magħha.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni skorretta tal-prinċipji legali. Jirreferi għal konstatazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar l-użu tat-tazzi tal-ħġieġ u jgħid li l-fatt li rriżulta li fil-ħanut jintużaw ukoll tazzi tal-ħġieġ ma għandux iwassal għall-fatt li l-verżjoni tiegħu ma titwemminx għax huwa kien qed jirreferi għar-regola ġenerali. Jispjega li huwa kien qed jixrob vodka bl-*orange* u li skont hu dan dejjem jiġi servut f'tazza tal-plastik. Huwa jirreferi wkoll għal fatt li ma tressqux it-tfajliet li kienu magħhom u dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti kkritikat dan u jgħid li huwa ma għandu obbligu jipprova xejn u li dak li jrid jipprova huwa biss sal-grad tal-probabbli. Jgħid li jekk hemm pekka fil-prova dan japplika wkoll għal *parte civile* minħabba li huma jiffrekwentaw l-istess nies li ma tressqux bħala xhieda. Ikompli jikkritika l-fatt li l-Ewwel Qorti semmiet il-

fatt li hu donnu pprova jimminimizza l-problemi passati mal-*parte civile* u nesa li dwar il-każ ma' Josephine Camilleri. Jispjega li dwar l-ewwel każ huwa kien ċar u ma kienx qed jigdeb u dwar it-tieni każ jgħid li dan kien dwar kwistjoni kontravenzjonali li seħħ erba' snin qabel u jiddeskrivih bħala ħaġa żgħira u mhux ta' barra minn hawn li nesa dwaru. Isostni li s-sentenza appellata hija waħda *unsafe and unsatisfactory* u li hu għandu jiġi liberat mill-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti qrat bir-reqqa x-xiehda mogħtija mill-appellant allura imputat u tifhem ir-raġuni għalfejn hu semma li kien qed jixrob f'tazza tal-plastik iżda dan ma jfissirx li ma kienx hemm affarijiet oħra tal-ħġieġ fil-madwar. Minbarra dan, din il-Qorti ma temminx li l-appellant kien sejjer jarmi t-tazza tad-*drink* tiegħu speċjalment jekk kienet tazza tal-plastik. Kien aktar effettiv għal għan tiegħu jsib tazza jew flixkun tal-ħġieġ li tħallew jiġru minn xi ħadd ieħor.

Illi dwar il-fatt li ma tressqux it-tfajliet li allegatament kienu mal-appellant din il-Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a favur l-imputat, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-

provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' sufficjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi minbarra dan din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet bil-fomm tal-Avukat Ġenerali b'dana li tajjeb jingħad li l-appellant qatt ma ndika li kien fil-kumpannija ta' tfajliet tant hu hekk li fl-istqarrija rilaxxata minnu huwa rrifjuta li jwieġeb. Jekk persuna ma tindikax il-verżjoni tagħha, ftit li xejn jistgħu jagħmlu l-Pulizija u għalhekk kien jinkombi fuq l-appellant li jekk ried jara li l-verżjoni tiegħu tiġi korroborata kellu jindikalha l-persuni li setgħu jitressqu bħala xhieda. Tajjeb jingħad li l-appellant kien l-aħħar persuna li xehed quddiem l-Ewwel Qorti u li din il-verżjoni ħarġet biss fix-xiehda tiegħu u għalhekk ma kienx possibbli għal

Prosekuzzjoni li jressqu t-tfajliet bħala xhieda tagħhom u dana peress li l-Prosekuzzjoni kienet diġà għalqet il-provi tagħha. Apparti min dan ma jridx jintnesa wkoll li kien hemm xhud ieħor għajr il-*parte civile* li identifika lill-appellant bħala l-aggressur.

Illi dwar il-kwistjoni jekk jintużawx tazzi tal-ħġieġ fl-istabbiliment in kwistjoni, din il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha aktar 'il fuq f'din is-sentenza u dawn għamlithom mhux sabiex tiskarta l-verżjoni tal-appellant iżda biex tara jekk il-verżjoni tal-*parte civile* setgħetx tkun possibbli.

Illi fir-rigward tal-każ ta' Josephine Camilleri, din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 146):

> "Apparte minn hekk, il-kredibilita' ta' l-imputat ġiet minnu stess preġudikata u effettwata negattivament meta konvenjentement għażel li jimminimizza u addirittura jinsa li fiż-żmien in kwistjoni kellu proċeduri istitwiti kontra tiegħu fuq rapport ta' l-istess Warren Farrugia u li ġià fil-passat kien tressaq il-Qorti għal inġurji u theddid fil-konfront ta' terza persuna, ċerta Josephine Camilleri, każ dan li huwa rifless fil-fedina penali tiegħu. Dawn huma ċirkostanzi li fil-fehma tal-Qorti wieħed qajla jista' jinsihom jew jittrattahom bħala ħaġa ta' xejn."

Illi din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti f'dak appena kkwotat u dana peress li minkejja li l-appellant għandu fedina penali mhux nadifa, ma jistax jingħad li din hija tant kopjuża li huwa seta' jinsa xi każ speċjalment meta jiġi kkunsidrat li meta seħħ l-akkadut f'dan il-każ l-appellant kellu ħamsa u għoxrin (25) sena u meta huwa xehed quddiem l-Ewwel Qorti kien ser jagħlaq sebgħa u għoxrin (27) sena u li jidher li l-każ ta' Josephine Camilleri seħħ fis-sena 2016 u li s-sentenza dwaru ngħatat fis-sena 2017 jiġifieri erba' snin qabel xehed quddiem l-Ewwel Qorti f'dan il-każ. Għalhekk l-ispjega mogħtija mill-appellant fir-rigward ta' Josephine Camilleri mhijiex kredibbli. Konsegwentement anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-talbiet tiegħu hekk kif kontenuti fir-Rikors tal-appell, l-appellant jitlob li fil-każ li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tiegħu hija għandha teroga piena aktar ekwa u ġusta. L-appellant ma jispjegax x'inhuma r-raġunijiet li għandhom iwasslu lil din il-Qorti sabiex timmitiga l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri stabbiliti mil-liġi, tenut kont li skont ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[1] u tenut kont tal-fatt li l-appellant ma ressaqx raġunijiet għala għandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena, b'hekk din it-talba qed tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Dylan Mc Kay u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dana illi t-termini hemm msemmija għandhom jibdew jgħaddu millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[1] Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).